MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 638/2002

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**Vs**

**Joseph Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, hames mija u tlieta u sebghin lira (Lm2573) lilha dovuti skond ftehim ta’ l-20 ta’ Frar 2002 (Dok A), permezz ta’ liema ftehim il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-imsemmija somma skond skema ta’ rati mensili, liema skema pero’ il-konvenut naqas li jonera u ghalhekk tilef il-beneficcju taz-zmien lill-konvenut koncess, prevja, jekk mehtieg, id-dikjarazzjoni li l-konvenut kiser dan l-istess ftehim u ghalhekk tilef il-beneficcju taz-zmien lilu koncess. Bl-imghax mill-20 ta’

Frar 2002 u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 u fol 3 kif ukoll dak verbalizzat a fol 18 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Settembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2573.00,0 bl-imghax legali mill-20 ta’ Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------